***Kunsill Lokali Marsaskala***
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 55**

**L-Erbgha 18 t'Ottubru 2023.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri - Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**55.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm ittri t'apoloġija tal-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon.

**55.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 54 li saret Nhar it-Tnejn 18 ta' Settembru 2023:</u>***

**55.2.1** ***<u>Korrezzjoni tal-Minuti:</u>***

55.2.1.1 Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi paġna 3 artiklu 54.2.2.12 għanda issir kif ġej:

''Is-Sindku tkellem fuq paġna 7 paragrafu 53.3.17 fej qal li s-Sinjura Cavlan.''

**Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ta' l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekondata l-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**55.2.2** ***<u>Matters Arising tal-laqgħa 54 li saret Nhar it-Tnejn 18 ta' Settembru 2023.</u>***

**55.2.2.1** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq artiklu 54.2.2.1 paġna 2 fejn qal illi ġie iffirmat il-ftehim mas-Silver T sabiex il-vann tal-elettriku jibda jkun ta' servizz għall-anzjani fil-komunita' tagħna kif ukoll fid-distrett li jinkorpora Raħal ġdid, Għaxaq, Zejtun u Birzebbuġia. Apparti s-Segretarju Parlament fil-Ministeru tal-anzjani kien hemm prezenti l-Ministru l-Onor Ettienne Abela kif ukoll s-Segretarju Parlamentari L-Onor. Alison Zerafa Civelli.

**55.2.2.2** Is-Sindku staqsa fuq paġna 2 artiklu 54.2.2.4 rigward id-dog friendly beach jekk irċevejnix risposta u ġie infurmat illi ma rċivejna l-ebda risposta sabiex ikun hemm aċċess aħjar għan-nies li jixtieqi jutilizzaw din il-bajja bil-klieb tagħhom.

**55.2.2.3** Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 artiklu 54.2.2.5 fejn qal illi l-ġimgħa d-dieħla ser jitkompla x-xogħol fuq din il-funtana.

**55.2.2.4** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 2 artiklu 54.2.2.6 fejn informa lill-Kunsill illi hu flimkien maz-zagħzugħ magħzul mill-Kunsill, Nicolai Mangion attendew l-Parlament għal-laqgħa taz-zagħzagħ. Nicholai għamel ukoll diskors qasir minn naħa tiegħu.

**55.2.2.5** Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 54.2.2.7 hu qal illi hu bgħat email il-Kumitat maħtur għall-villaġġ tal-Milied li huwa kompost mill-Viċi Sindku, il-Kunsillier is-Sur John Baptist, is-Sur Charlot Mifsud u s-Sinjura Mary Rose Mifsud. Huwa spjega li waqt li kienu l-ajruport ta` Zagreb huma u ġejjin lura Malta mill-AGM sar meeting fejn faslu budget li jrid jilħaq € 12,000. Huwa qal li minkejja l-Budget huwa limitat xorta waħda ser ikun hemm avviniment li jixraq l-Marsaskala. Huwa ringrazzja l-Kunsillier Is-Sinjura Mary Rose Mifsud fejn irranġat mal-Ministeru tal-Kultura biex ikopri l-ispiza tal-banda li ser tkun qed iddoqq f'dan il-Christmas village. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja ipprezenta l-budget quddiem il-Kunsill (kopja annessa).

**55.2.2.6** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 3 artiklu 54.2.2.15 fejn qal illi hu tkellem anke mall-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri peress illi din kienet mozzjoni min naħa tiegħu fejn fl-aħħar laqgħa kien hemm id-diskussjoni li jsiru bollards pero bħal ma jaf kulħadd dawn il-bollards dejjem ikun hemm abbuzi fuqhom allura jħoss li l-aħjar li kieku jsiru traffic lights kemm min Triq iz-Zafran kif ukoll minn Triq il-Ġemmugħa.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ma jaħsibx illi Infrastructure Malta ser jinvestu fi proġett bħal dan pero nistgħu nipprovaw ngħaddu is-suġġeriment tagħna peress illi jinvolvu żewġ *traffic lights management* fi spazju ta' inqas minn kilometru.

**55.2.2.7** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 3 artiklu 54.3.10 u qal illi saret laqgħa mall-Wasteserv fejn ġie infurmat illi nhargu ħafna taħrikiet u l-ERA qed tagħmel xogħola sew ħafna u jtuna ħafna għajnuna.

**55.2.2.8** Is-Sindku tkellem fuq paġna 6 artiklu 57.1.3 fir-raba paragrafu fejn semma il-problema tal-garaxxijiet qal illi hu ried ifisser ikun hemm problema minħabba li l-garaxxijiet ikunu fil-basement.

**55.2.2.9** Is-Sindku tkellem fuq paġna 7 artiklu 54.7.4 fej staqsa jekk intbgħatitx l-email sabiex issir laqgħa mall-Kumpanija zibel tribe.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech infurmah illi l-email intbgħatet pero ma rċivejna l-ebda risposta.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din l-istess kumpanija nistgħu nkellmuha fuq is-sea bin li hemm fi Triq ix-Xatt għaliex ilu sena ma jaħdem.

Kien hemm qbil.

**55.2.2.10** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 54.2.2.14 hu qal illi tajjeb li jsiru pero dawn hemm bzonn li jissaqew.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-kuntrattur ma fadallux wisq magħna għaliex ħareġ tender ġdid.

**55.2.2.11** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 artiklu 54.3.5 fejn qal illi qed ikollu ħafna ilmenti li t-trakk qed jimxi bir-*reverse* u jġiegħel ta warajh jirriversja ukoll u qed jinqgħala chaos kull darba fejn qal illi din partikolarment ġrat fi Triq Miklem Malti.

Kien hemm qbil li tintbgħat ittra lill Kuntrattur illi hu ma jistgħax joqgħod jirriversja fit-toroq.

**55.2.2.12** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 artiklu 54.3.8 qal illi hu tkellem ma l-artisti u hemm il-ħsiebli jitħalltu maltin u barranin mill lokal u jesebixxu l-arti tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi hemm artista oħra li jisima Allison li ġiet toqgħod f'Marsaskala fejn ukoll interessata f'dawn l-esebizzjonijijiet.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li aħna nagħmluwilhom faċli fejn nistgħu ngħinu sabiex ma jaqtgħux qalbhom.

**55.2.2.13** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq artiklu 54.4.1 paġna 5 fejn qal illi xtaq risposta defenittiva fuq il-palm għaliex il-palm fi Triq is-Salini mhux jinzabar kollu u hemm minnhom qed imutu.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi li ġara kien illi jsiru l-karti tan-No parking pero xorta waħda issib min jipparkjaw u jispiċċa jkompli b'palm ieħor u ġieli jaqbez xi ftit minnhom umbagħad jinsijom.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi f'sitt xhur kellu ċans idurhom kollha.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk hux ser jitħallas xorta waħda.

Il-Contracts Manager is-Sur Silvio Farrugia qal b'riferenza għat-tender tal-ġonna illi għal din is-seduta għax-xahar li għadda ser ikun hemm default notice fuq nuqqas ta tindif u ġbir taz-zbir u nuqqas ta tisqija.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi nistgħu nikwalifikaw għan nuqqas ta 20% mill-kont.

Kien hemm qbil unanimu li għax-xahar ta' Ottubru jitnaqqas 20% default.

**55.2.2.14** Il-Kunsillier Is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 54.7.1.6 u qal illi hu ma setgħax jgħati l-vot tiegħu għaliex ma kienx prezenti waqt is-seduta pero ried li titnizzel fil-minuti illi hu jaqbel kemm mad-diskussjoni kif ukoll mad-deċizzjoni finali.

**55.2.2.15** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq 54.2.2.16 u staqsa jekk kellnix risposta għaliex jidher li t-triq qed tingħalaq bil-bollards.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dak għax hemm permess ta' residenza oħra din m'għandix x'taqsam.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li dawn il-bollards huma perikoluzi.

**55.2.2.16** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 4 artiklu 54.2.2.17 jekk għandniex risposta.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmah illi għad m'għaniex risposta.

**55.2.2.17** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq artiklu 54.2.2.13 u qal illi jekk is-sitwazzjoni tal-ġbir ta' skart marret għal aħjar dik tal-knies zgur li le għaliex hu kemm il-darba ra kenniesa li jgħaddu min ħdej il-bankina u ma jiġabrux l-ħmieġ u jispiċċa jiġbru hu.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi bħalissa għadejjien bil-proċess ta' diversi tenders li waslu biex jiskadu u kif jitlesta l-proċess, naqbdu fuq it-tender tal-knis u niddeċiedu jekk nitterminawhx jew le.

Il-Contracts Manager qal illi waħda mill problemi li għandu hija dik li l-kennies jinbiddlu spiss.

- Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud issuġġeriet illi kemm-il darba tibda issir il-laqgħa ġewwa il-Kunsill tajjeb li kulħadd iġib il-laptop tiegħu sabiex l-Agenda u d-dokumenti kollha relatati mal-laqgħa jkunu jistgħu jinqraw online u mhux jiġu printed fuq karti.

Kien hemm qbil.

**55.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku:**

**55.3.1** **Request for one way in Triq ix-Xmiel (35/4004/23/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hi qed tissuġerixxi li Triq ix-Xmiel issir one way peres illi t-triq mhux wiesgħa qed tkun diffiċli biex jgħaddu zewġ karozzi.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi t-toroq ta' Marsaskala jinsabu kollha fl-istess ilma mhux Triq ix-Xmiel biss.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi nistgħu nipproponu lill TM fejn ngħidu li Triq ix-Xmiel tiġi one way il fuq u Triq il-Majjistral tiġi one way l-isfel u Triq Vajrita tibqa two way qalb it-toroq l-oħra li umbagħad ikunu kollha one way.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jek togħqod Triq il-Qawwara jew Triq il-Kavetti jekk Triq ix-Xmiel ser ngħamluha one way il fuq allura qed inġgħelu t-traffic kollu ser jgħaddi fi triq li hi two way iġifieri ġo triq idjaq f'ħafna aktar traffiku.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu ta l-opinjoni li nibgħatu lit TM u jiddeċiedu huma.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jaħseb li din ir-rikjesta għandha tiqaf hawn.

Kien hemm qbil illi nitkellmu mal-Perit u naraw x'parir jagħtina.

**55.3.2** **Skema ta' preservazzjoni tad-dgħajjes tradizzjonali:**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din l-iskema ma stajniex napplikaw għaliha bħala Kunsill u l-perjodu tal-applikazzjoni kien spiċċa. Din kienet tapplika għal dgħajjes li kienu għadhom jintużaw.

**55.3.3** **Perit ġdid tal-Kunsill:**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tkellem mall-Perit il-ġdid u hu jrid li jkollu w-o uffiċjali. Is-Segretarju ezekuttiv qal illi issir la darba jkun hemm il-kuntratt iffirmat u jkollna il-performance guarantee.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi iddiskutew l-issue tal-ilma ta' dripping irrigation fil-ġnien ta' San Tumas li ltaqgħu ukoll fuq is-site fejn hemm il-luzzu fid-daħla ta' San Tumas. Ġie osservat ukoll li hemm ħafna ħmieġ u tajjeb nqabbdu naqra l-ħaddiema tagħna u jnaddfu din id-dawra tal-luzzu.

**55.3.4** **Vouchers for cat neutering:**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ser jerġgħu joħorġu ftit vawċers oħra ma li diġa ħriġna sabiex isir neutering tal-qtates fil-lokal u hekk nkunu allokajna Eur 3000 għal din is-sena mingħajr ma dħana fi skema li tagħmila kwazi impossibli li finalment tieħu l-flus lura għalhekk tajjeb li jsir min butna mill-ewwel.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**55.3.5** **Triq id-Dugħ:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi rċieva korrispondenza rigward Triq id-Dugħ fejn qed jissuġerixxu li din issir one way.

Kien hemm qbil li nqabbdu l-Perit u jtina proposta hu.

**55.3.6** **Clothes bins:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għandna erba clothes bins f'Marsaskala u tawna proposta li magħhom jgħamlu kaxxa tal-ħadid fejn jista jintrema iz-zejt u dan jinġabar meta jiġbor il-ħwejjeġ.

Kien hemm qbil dwar dan.

- *Sospensjoni tal-minuti għal punt numru 55.8.*

**55.8.1** Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal skond ir-rakkomdazzjoni tal-Contracts Manager ser jitnaqqas 20% lill kuntrattur tal ġonna u 5% tal-kennies.

**55.8.2** Il-Contracts Manager qal illi l-lattrini marru lura min mindu inbidel il-ħaddiem u l-firem ilhom ma jiġu updated għal xahar u jħoss li għandna nnaqqsu 5% minn fuq ix-xhur t'Awwissu u Settembru 2023.

**55.3.7** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u s-Sindku s-Sur Mario Calleja ltaqgħu mas-Sur Carmelo Bonanno li hu Perit ġewwa Infrastructure Malta fejn jidher li sabu l-aħjar soluzzjoni għal problema tal-baħar li għandna fil-lokal fejn qablu li jsir tip ta' wave breaker biex jilqa l-ilma fejn id-dar il-ħamra fi Triq iż-Żonqor.

**55.3.8** Talba mingħand is-Sinjura Graziella Miruzzi sabiex tagħmel ezerċizji fi Ġnien Sant'Anna b'xejn kull Nhar ta' Sibt.

Kien hemm qbil dwar dan.

**55.3.9** Is-Sinjura Tabone talbet li jkollha permess sabiex isir event għal *halloween* fejn ser tarma *bouncing castle* u tħallas permess ta' darba.

Kien hemm qbil.

**55.3.10** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja, il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud, il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud attendew għal laqgħa tad-Douzelage kienet laqgħa tajba ħafna u l-laqgħa li jmiss ser tkun ġewwa Sherbourne fl-Ingilterra u ser tkun f'April u tajjeb li niddeċiedu jekk nitilgħux l-istess nies fejn hu jħoss li hekk għandu jkun għaliex qed isir x-xogħol sabiex inkunu preparati għal AGM li ser titella f'Malta f`Settembru 2026. Huwa kompla jgħid illi telat magħhom l-Assistent Prinċipal is-Sinjura Rebecca Micallef li għamlet xogħol tajjeb ħafna u tajjeb li terġgħa tkun prezenti fis-sena li ġejja.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi la jiġu hawnhekk irridu naħsbu sabiex kollox isir fil-lokal.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet illi lilhom ħarġuhom mill lokal.

**55.3.11** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellu laqgħa mas-Sinjura Brincau Camilleri fejn din hija għalliema u tixtieq li jkollha siegħa fil-ġimgħa after office hours għal xi korsijiet ta' *mother and baby* u ser tkun qed tgħati *donation* talli tuza s-sala tal-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu.

**55.3.12** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għal darba oħra l- persuna Serbjana qed tgħati korsijiet lil tfal serbjani u ser tati donazzjoni talli tuza l-post u dan bħal ma kienet għamlet fil-passat. Din qed tagħmel uzu mill-Cultural centre.

**55.3.13** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja isuġġerixxa li tingħazel data għal ikla tal-Kunsill.

Ġie deċiz illi l-ikla tal-Kunsill ser issir fil-21 ta' Diċembru 2023.

**55.4** **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**55.5** **<u>Rapporti:</u>**

**55.5.1** **<u>Rapport ta' kull kwart Jannar-Settembru 2023:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech spjega r-rapport ta' kull kwart.

Ir-Rapport ta kull kwart ġie approvat bi qbil unanimu mill-Kunsill.

- Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar daħal għal laqgħa 19:50.

**55.6** **<u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>**

Ma kienx hemm items oħra.

**55.7** **<u>Korrispondenza:</u>**

**55.7.1** **<u>Wirja tal-presepji (35/3898/23/O (35/3860/23/I):</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi rċivejna korrispondenza mis-Segretarju tal-Kazin tal-Banda Santa` Anna sabiex jgħamlu wirja tal-presepji fil-board room fl-uffiċini tal-Kunsill bħal ma għamlu s-sena l-oħra.

Kien hemm qbil li issir il-wirja fil-board room tal-Kunsill.

**55.7.2** **<u>Service units Marsaskala (35/3841/23/I):</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Paul Brincat u min naħa tiegħu hu tkellem mas-Sinjura Degabriele fejn din ikkonfermat illi sa issa saru *service units* waħda ħdejn il-winċ, tnejn fi Triq is-Salini u waħda fi Triq ix-Xatt u għalhekk ix-xogħol miexi.

**55.7.3** **<u>Cir AKL 2023/086 President's fun run 2023:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja informa lill Kunsill illi għal din is-sena l-Kunsill mitlub li joffri is-servizz tat-trasport lir-residenti f'Marsaskala sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-President's fun run minn Marsaskala għal Palazz Verdala umbagħad lura mill-Belt għal Marsaskala.

Il-Kunsill qabel illi jħallas għall-ispejjez relatati ma dan it-transport.

**55.7.4** **<u>EV Charging pillars identified sites Marsaskala (35/3825/23/I) (35/3798/23/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ser ikun hemm ilmenti rigward dawn il-pillars għaliex ser ikun hemm ħafna parkeġġi meħudha għaliex huma qed jipproponu 32-il post fil-lokal.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dawn ma tantx nistgħu noġġezzjonaw għalihom.

Kien hemm qbil li napprovaw dawn is-siti.

**55.7.5** **<u>APP 64/23 Nota ta' sottomisjonijiet finali (35/3731/23/I):</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi s-Sinjua Apap bgħatet din l-email għaliex jidher li hemm zewġ vilel li ser jitwaqqgħu u jsiru flats din hija applikazzjoni approvata pero hi ikkonċernata fuq l-problema tal-ilma u elettriku minħabba l-izvilupp li qed isir.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Planning Authority meta jkun ser isir zvilupp dejjem tibgħat lil Enemalta u l-WSC u min naħa tagħhom iridu jgħatu l-feedback tagħhom jekk dawn ma għamlux dan dik hija problema li trid tittranġa min naħa tagħhom għaliex jekk huma jgħatu l-kummenti tagħhom li hemm bzonn li issir substation il-permess lill-Kuntrattur lanqas joħroġ qabel ma jsiru l-arranġamenti neċessarji.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dawn kellmu lill-Kunsill wara li saru l-arranġamenti kollha u l-Kunsill ma jista jgħamel xejn f'dan l-istadju.

Il-Kunsill Dr Errol Cutajar qal li nistgħu nkellmu lill Enemalta u nsaqsuhom jekk hemmx xi ħaġa li jista jsir għal dawn ir-residenti.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-problema tinsab fl-area kollha.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-Enemalta għandhom makkinarju li bih ikunu jafu jekk hemmx bzonn li issir substation.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fil-mument li l-Kunsill jitlob l-Enemalta biex jgħamel sub station dawn ser isaqsu lilna biex nindikawlhom area fejn tista issir.

Kien hemm qbil unanimu li nibgħatu lill Enemalta u ninfurmawhom illi f'din l-area jidher allegatament hemm bzonn li issir substation.

**55.7.6** **<u>European Week for Waste Reduction 2023 (35/3882/23/I):</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din l-email intbgħatet lill Kunsilliera kollha biex dawk kollha li għandhom xi suġġerimenti setgħu jgħadduhom. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illis-sena l-oħra konna għamilna ir-roti f'sodod għal annimali u din is-sena nistgħu nussuġerixxu illi jinġabru palletts li jkunu ħziena u jinġabru sabiex ikunu jistgħu jiġu utilizzati biex isajru bihom jew juzawhom. Jista wieħed jagħmel uzu minnhom għall-Fireplaces, fran gewwa l-għelieqi, fran fl-irħula, u jsiru anke xi garden furniture, Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi la darba niġbruhom nkunu nistgħu nqegħduhom ħdejn il-pixxina u min irid jistgħu jieħdu minnhom.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi tajjeb li jkunu organizzati u mhux jidru qisom mizbla.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb nkunu ċerti mill-area li ser ngħazlu għaliex ħdejn il-pixxina ser issir charging pillar.

Kien hemm qbil unanimu illi nissuġerixxu din l-inizjattiva.

**55.8** **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 55:</u>**

**55.8.3** Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenti pagamenti li daħlu tard:

Koperattiva Tabelli Sinjali – Inv 30221 - €324.70
Eiffel Marketing – Inv 26842 - €413.00
Douzelage – €350.00

**55.8.4** Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi pagament Nru 5369 tal-kuntrattur Progressive Solutions ser jinqatalu 10% filwaqt li pagament nru 5371 tal-Kuntrattur WM environmental għandu jitaqqslu 5%.

Il-Kuntrattur Ms Annalise Farrugia kuntrattur tal-lattrina għandu jitnaqqsilha 5% mill-aħħar żewġ pagamenti li għadha trid tibgħat.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud issekondat. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**54.9 Mozzjonijiet:**

**54.9.1 Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charflot Mifsud (151 – 12/9/23):**

''Jipproponi sabiex jitkompla ir-resurfacing tal-Bidni. Għalkemm saru xi partijiet minnu tħallew biċċiet li ma sarux u komplew jideterjiraw dawn ix-xhur. Din it-triq tintuza ħafna speċjalment meta il-baħar ikun imqalleb jew għoli.''

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fadal biċċa mit-triq li trid issir

Kien hemm qbil unanimu li nibgħatu lic-Chairman is-Sur Cilia sabiex din it-triq titkompla.

**54.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 22 ta' Novembru 2023 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 18 t'Ottubru 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATi | IFFIRMATI |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech**<br>**Segretarju Ezekuttiv** | **Mario Calleja**<br>**Sindku** |